# WAĦDA MILL-EWWEL STATWI TAL-MADONNA TA' LOURDES FIL-GŻEJJER MALTIN L-EWWEL STATWA LI KIEN HAWN FIS-SANTWARJU PARROKKJALI TA' KERĊEM

## - 140 SENA FOSTNA -

Jikteb Monsinjur Karm Borg

Il-ġrajjiet miraklużi ta' Lourdes kellhom il-bidu tagħhom fis-sena 1858. F'dik is-sena, il-Madonna dehret lil Bernardette Subirous għal tmintax-il darba. Fil-messaġġi tagħha, il-Vergni Mbierka heġġet għat-talb u l-penitenza. Imma hawn ukoll hija għamlet dikjarazzjoni ħafna importanti. Fis-sittax-il dehra tagħha, dik tal-25 ta' Marzu, il-festa tal-Lunzjata, hija rrivelat lil Bernardette l-identita` vera tagħha. Qaltilha: "Jien l-Immakulata Kunċizzjoni".

Wara l-proċess twil tal-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet Ekkleżjastiċi, fejn ir-rivelazzjonijiet tal-Madonna lil Bernardette Subirous għaddew mill-għarbiel fin tal-esperti, il-Papa Piju IX, li propju erba' snin qabel, fis-sena 1854, kien iddikjara uffiċjalment id-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni, fis-sena 1862, approva d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes. Imbagħad kien dan l-istess Papa li, fit-3 ta' Lulju 1876, awtorizza formalment l-Inkurunazzjoni Kanonika tax-xbieha tal-Madonna li oriġinalment kienet tinsab fil-bitħa li llum tagħmel parti mill-Bażilika tar-Rużarju.

### ID-DEVOZZJONI TQABBAD GĦERUQHA F'PAJJIŻNA

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes bdiet tinxtered f'ħafna pajjiżi, fosthom



Dun Guzepp Diacono

pajjiżna, u fil-gżira ċkejkna ta' Għawdex. L-ewwel statwi tal-Madonna ta' Lourdes li kien hawn f'Għawdex aktarx li kienu dawk li saru għall-Parroċċa ta' San Ġorg fir-Rabat u dik li saret għall-Knisja Viċiparrokkjali ta' Kerċem li saru t-tnejn fis-sena 1875, fi żmien l-Arċipriet Feliċ Refalo li, bħala Arċipriet tar-Rabat, kellu wkoll ġurisdizzjoni fuq dak li llum hu t-territroju tal-Parroċċa ta' Kerċem. Bħala Viċendarju f'Ta' Kerċem kien hawn Dun Guzepp Diacono. L-istatwa li saret għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorg, wara xi

erba' snin kienet ittieħdet fil-parroċċa tax-Xewkija fejn illum tinżamm fil-mużew tal-Knisja Parrokkjali. Għall-Knisja ta' San Ġorg kienet saret oħra ġdida fis-sena 1879. L-istatwa li saret għall-Knisja ta' San Girgor f'Ta' Kerċem, 17-il sena biss wara li seħħu d-dehriet ġewwa Lourdes u 13-il sena biss wara l-approvazzjoni tad-dehriet, għadha magħna sal-ġurnata tal-lum.

U hekk hu li f'din il-kitba nixtieq ngħid xi ħaġa dwar l-istorja interessanti ta'din l-istatwa u r-rabta tagħha mal-komunita` Kerċmija fl-aħħar kwart tas-seklu dsatax (1875-1900). Storja li żgur tirrifletti fuq il-ħajja soċjo-reliġjuza tal-poplu tagħna fi żmien meta, wisq iktar mill-lum, kien jemmen u jittama fl-għajnuna tas-Sema.

## L-EWWEL STATWA: PATRIMONJU LI JISTĦOQQLU IKTAR GĦARFIEN

Nibda biex ngħid li l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes kienet l-ewwel statwa li kien hawn fil-Knisja ta' Kerċem. Xi ħadd forsi jgħidli: Kif , din ġiet qabel l-istatwa tal-Madonna tas-Sokkors? Din kienet qabel l-istatwa ta' San Girgor? Iva, hekk hu. L-istatwa tal- Madonna ta' Lourdes ġiet qabel l-istatwi titulari. U naturalment qabel l-istatwi l-ohra kollha li llum ngħożżu fil-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem. Kif għidt iktar 'il fuq, din l-istatwa saret fis-sena 1875. Kienet tħallset min-negozjant Mikiel Galea. Tbierket mill-Kanonku Dun Franġisku Saverju Formosa, Vigarju Ġenerali, f'daru stess. Wara li tbierket kienet ġiet esposta fil-Knisja ta' Savina fir-Rabat, fejn sarilha Tridu. Wara saret translazzjoni biha lejn ta' Kerċem fejn kien sar diskors taċ-ċirkostanza.

U hawn tibda l-istorja interessanti tar-rabta ta' din l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes ma' missirijietna li għexu l-ewwel snin wara l-erezzjoni tal-Parroċċa ta' Kerċem li ġrat fis-sena 1885. Sas-sena 1885



L-istatwa tal-Madonna ta' Lordes



il-festa tal-Madonna tas-Sokkors kienet għadha tkun iċċelebrata fuq ġewwa biss. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Madonna tas-Sokkors kienet ġiet magħrufha, bħala kontitular flimkien ma' San Girgor il-Kbir Papa, b'digriet ta' Ruma li jġib id-data tas-17 t'Awwissu, 1885. U allura sa mis-sena 1886, ir-raħal ta' Kerċem beda jiċċelebra b'solennita` żewg festi titulari. Waqt li l-festa ta' San Girgor baqgħet dik il-festa b'nota penitenzjali – taħbat fi żmien ir-Randan – fil-ġurnata propja tagħha, dak iż-żmien it-12 ta' Marzu, il-festa tal-Madonna tas-Sokkors bdiet tkun iċċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Lulju kif kien speċfikat fl-istess digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti li bih il-Madonna ġiet iddikjarata uffiċjalment konpatruna ta' raħalna. Sa dakinhar, il-festa – interna biss – tal-Madonna tas-Sokkors kienet tkun iċċelebrata fir-raba' Hadd ta'Ottubru. Mill-1886 'il quddiem din il-festa bdiet tkun iċċelebrata fuq l-istil ta' kif kienu jkunu ċċelebrati l-festi fil-parroċċi l-oħra ta' Għawdex lejn tmiem is-seklu dsatax.

## STATWA LI KIENET TOĦROG F'DIVERSI PURĊISSJONIJIET

Parroċċi oħra kellhom diga` l-istatwa titulari biex tinġarr fil-purċissjoni. Ta' Kerċem kien għad ma kellhomx. L-unika statwa li kien hawn kienet dik tal-Madonna ta' Lourdes. Imma kif soltu ngħidu : b'li jkollok tiddobba. U b'din l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, il-Kerċmin misserijietna bdew jagħmlu l-purċissjoni tal-festa titulari sakemm, fis-sena 1891, saret l-ewwel statwa tal-Madonna tas-Sokkors.

Hawn f'Ta' Kerċem, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, sa mill-bidu nett kellha devozzjoni kbira. Wieħed irid jiftakar li ma kien għad hawn l-ebda statwa oħra fil-Knisja ta' San Girgor. U allura wieħed jista' jifhem kemm il-Kerċmin kienu japprezzaw din ix-xbieha tal-Madonna meta, fil-knisja relattivament ġdida tagħhom, ma kellhomx għajrha. B'din l-istatwa kienu mhux biss jagħmlu l-purċissjoni titulari fl-ewwel snin tal-Parroċċa, imma diversi drabi nsibu li nħarget ukoll f'pellegrinaġġi ta' talb u penitenza meta xi gwaj, bħalma hu n-nuqas tax-xita, kien jaħkem lil pajjiżna. Hekk sar pereżempju fis-27 ta' Marzu 1881, meta l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes kienet ittieħdet proċessjonalment lejn il-Knisja ta' Santa Luċija. Fl-aħħar jiem tas-sena 1889, l-istess statwa kienet esposta fil-Knisja Parrokkjali biex il-poplu jitlob għax-xita bl-interċessjoni tal-Madonna; u x-xita tant mixtieqa ma damitx ma nizlet abbondanti fuq gziritna.

Skond tagħrif verbali li ġie mogħti lili fit-8 ta' Lulju 1972, minn Dun Ġuzepp Gatt (Tal-Qasam), li bħala abbati kien iservi fil-Knisja ta' San Girgor fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, din l-istatwa kienet toħroġ ukoll f'diversi purċissjonijiet matul is-sena. Għalkemm Dun Ġuzepp Gatt ma speċifikax f'liema purċissjonijiet kienet toħroġ, jien nissupponi li din kienet toħroġ ukoll fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju u f'dik tal-Madonna tal-Warda. Għalkemm f'Ta' Kerċem, diġa` fis-sena 1885, kienet twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju, statwa tal-Madonna tar-Rużarju kien għad ma hawnx sas-sena 1902. L-istess Fratellanza tar-Rużarju, (dejjem skond l-Istatut tagħha), kellha torganizza wkoll il-Festa tal-Madonna tal-Warda *(Rosa Misteriosa)*, li effetivament kienet għadha tiġi ċċelebrata sa madwar 50 sena ilu. U allura aktarx ma nkunx niżbalja jekk ngħid li dawn kienu xi wħud mill-purċissjonijiet li rrefera għalihom Dun Ġużepp Gatt li fihom kienet tinħareġ ukoll l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes lejn tmiem is-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin. Bla dubju, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, bil-kuruna f'idejha u l-warda fuq riġlejha, kienet toqgħod tajjeb ħafna għaż-żewġ okkażjonijiet, kemm għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju u kemm għall-festa tal-Madonna tal-Warda. Ġie li nħarġet anke f'okkażjonijiet ta' ċerta mportanza pastorali. Hekk pereżempju meta fis-sena 1896 saret il-Missjoni (15-il ġurnata ta' prietki) fil-Parroċċa ta' Kerċem, bejn it-12 u s-26 ta' Jannar, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes inħarġet f'purċissjoni li ġiet organizzata f'għeluq il-Missjoni

Għal xi żmien, lejn tmiem is-seklu dsatax, il-festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Parroċċa ta' Kerċem kienet issir fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Issa għal ħafna snin din il-festa ma għadhiex issir.

**IMPORTANZA STORIKA**

Illum l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li hemm fil-parroċċa ta' Kerċem żgur li ma għadx għandha dik l-importanza li kellha fil-bidu. Ikolli ngħid li lanqas għadha tgawdi dik id-devozzjoni li kellha fost il-poplu fl-imgħoddi. Fost il-ħafna statwi li llum għandna fil-Knisja Parrokkjali żgur li mhix l-iktar prominenti. Imma bla dubju, din l-istatwa, bħala l-ewwel waħda li nħarġet fil-purċissjoni titulari tal-Madonna tas-Sokkors fl-ewwel snin tal-parroċċa, għandha importanza storika kbira għall-istorja ta' raħalna. Mhux biss. Din hi meqjusa bħala waħda mill-ewwel statwi tal-Madonna ta' Lourdes li kien hawn f'Għawdex.

Dari, fi tfuliti, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes niftakarha tinħareġ matul ix-xahar kollu ta' Mejju u tkun esposta għall-qima tal-fidili fuq il-presbiterju. Niftakarha tinħareġ fil-knisja fil-ġranet tad-dehriet. Illum narawha biss esposta fin-niċċa magħmulha apposta għaliha meta tkabbret il-Knisja fil-bidu tas-seklu l-ieħor, fil-kappella ċkejkna tagħha annessa mas-sagristija ż-żgħira.

